1 ta' Mejju, 1946.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Neg. Ugo Pace et.** *versus* **Prof. Joseph Anastasi Pace ne.**

## "War Damage Commission" — Poteri Diskrezzjonali — Limiti.

*Il-"War Damage Commission" hija korp amministrativ ta' karattru "quasi judicial", rivestita b'"discretionary powers" li ma humiex sindakabili mill-Qorti sakemm dawk il-poteri diskrezzjonali jiġu eżerċitati legalment, fis-sustanza u fil-forma, u skond ir-regoli tan-"natural justice". Il-Qorti tista' għalhekk tissindaka l-atti diskrezzjonali ta' dik il-Kummissjoni fis-sens biss li tara jekk dawk l-atti humiex legali, jekk ġewx osservati l-proċeduri meħtieġa, u jekk l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni kienx "fair and honest"; imma ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha, bħala opportunità jew espedjenza, għal dik tal-Kummissjoni.*

*Il-"War Damage Commission" għandha s-setgħa li tagħti jew le kumpens għall-ħsarat tal-gwerra; liema setgħa tikkomprendi neċessarjament dik li tiffissa l-ammont tal-ħlas; u sakemm dik il-Kummis-*

*sjoni tkun imxiet "reasonably and fairly", u fil-limiti stabbiliti mir-regolamenti, id-diskrezzjoni taghha relativament ghall-"kwantum" tal-kumpens ma tistax tiġi sostitwita mid-diskrezzjoni tal-Qorti.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi nomine ppremettew illi l-attur Muscat Azzopardi ppreżenta fid-9 ta' Settembru 1944 (dok. B) domanda għall-kumpens għat-telf ta' għaxar pontuni bl-għemil tal-għadu, illi ġara bejn April u Mejju 1942, indikati bil-partikularitajiet kollha tagħhom fid-dokument "A" hawn unit, illi huwa kopja tal-"claim" no. 2347/1944, u l-konvenut bl-ittra tiegħu tad-19 ta' Lulju 1945 (dok. C), għarraf lill-attur *bis-somma tal-kumpens likwidata mill-Commission*, illi mbagħad ġiet modifikata bl-ittra tal-11 ta' Diċembru 1945 (dok. D), liema somma l-attur ma aċċettax bl-ittra tiegħu tat-18 ta' Diċembru 1945 (dok. E); illi l-attur Arrigo ppreżenta lill-Kummissjoni d-domanda tiegħu għall-ħlas tal-kumpens għat-telf ta' pontuni bil-għemil tal-għadu, bejn April u Mejju 1942, fis-6 ta' Settembru 1944 (dok. AA, BB u CC); illi l-konvenut informa lill-attur Arrigo bil-likwidazzjoni magħmula mill-Kummissjoni b'ittra tad-19 ta' Lulju 1945 (dok. DD), modifikata sussegwentement b-ittra tal-11 ta' Diċembru 1945 (dok. EE), liema somma l-istess attur Arrigo ma aċċettax (dok. FF u GG); u illi għalhekk il-partijiet ma setgħux jaslu għal ftehim fuq l-ammont tal-kumpens dovut lill-atturi għal dak it-telf; u talbu li tiġi likwidata minn dina l-Qorti, per mezz ta' periti eliġendi, is-somma illi l-War Damage Commission għandha tħallas lil kull wieħed mill-atturi rispettivament għall-ħsarat u telf fuq msemmijin. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, interpellat għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut nomine oppona preliminarment l-insindakabilità tad-deċiżjoni tal-War Damage Commission, li minnha jilmentaw l-atturi, peress li dik hija deċiżjoni mogħtija mill-Commission fl-eżerċizzju tal-poteri diskrezzjonali li hija għandha taħt il-War Damage Ordinance 1943;

Illi ma hemmx dubju li fl-iżvilupp kostituzzjonali ingliż bdew jiġu mogħtijin lill-uffiċjali amministrativi mhux biss poteri leġislativi ("delegated legislation"), imma anki poteri

"quasi judicial", li jimplikaw is-setgħa li tittieħed deċiżjoni in parti "judicial" u in parti "executive", tant li tissejjaħ anki "executive discretion". Dawn il-poteri ta' l-aħħar ġew anki mill-Amministrazzjoni delegati lill-persuni jew korpijiet nominati, li l-Wade and Phillips, f'edizzjoni reċentissima (1945) "Constitutional Law", isejħu "independent agencies" (pp. 187-190). Dawn l-awturi, fost l-eżempji li jagħtu ta' korpijiet simili, rivestiti "with wide discretionary powers", isemmu appuntu l-"War Damage Commission", imwaqqfa fl-Ingilterra, kif inhu magħruf, fl-istess ċirkustanzi belliċi u għall-istess skopijiet bħal nawn Malta;

Illi dawn id-"discretionary powers" jistgħu jiġu mqassma f'żewġ kategoriji; dawk li jagħtu diskrezzjoni assoluta, jew "executive", u dawk li jagħtu diskrezzjoni "judicial" jew "quasi judicial". Fil-każ ta' l-ewwel "there can be no appeal to a court of law" (idem page 253); fit-tieni każ, ċjoè fejn id-"discretionary powers" huma "judicial" jew "quasi judicial", "their exercise may be questioned in the Courts", imma biss biex wieħed jara jekk id-"discretion" ġietx "properly exercised", jiġifieri jekk ġietx eżerċitata legalment, fis-sustanza u fil-forma u skond "the rules of natural justice" (idem page 253). Il-Qrati, però, ma jistgħux jiddiskutu l-opportunità jew l-espedjenza ta' l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni, u għalhekk, a propożitu ta' daqshekk, l-awturi fuq ċitati jgħidu :— "This does not mean that the Courts will review the exercise of discretion and substitute their own discretion for that of the body or person to whom a discretion has been entrusted";

Illi għalkemm il-Qrati ta' Malta, almenu sad-deċiżjoni ċitata aktar il-quddiem, ta' l-1935, ma użawx, probabilment għaliex ma kienetx għadha saret komuni fit-testi ta' awturi in materja l-espressjoni "executive discretion" jew "quasi judicial discretion", eppure hu relativament antik fid-deċiżjonijiet tagħhom il-prinċipju hekk espress fil-kawża "Bugelli nomine vs. Onorevole Mifsud nomine", maqtugħa mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Ottubru 1926 :— "Le corti di giustizia non possono discutere la opportunità o la giustizia di un provvedimento amministrativo, se la autorità era competente a prendere la deliberazione impugnata e questa fu presa nella debita forma" Minn dana jiġi illi, skond dan il-prinċipju, il-

Qorti tista' biss tara, f'każ simili, jekk il-poter ġiex eżerċitat skond il-liġi fis-sustanza (jiġifieri jekk l-eżerċizzju tiegħu kienx "intra vires" u fil-forma). Dan hu l-limiti tal-kontroll tal-Qrati, u b'dan il-mod jiġi salvat il-prinċipju tant kaldeġġjat mid-Dicey tas-"supremacy of the law";

Illi forsi fil-ġurisprudenza lokali ma ġiex imsemmi anki l-limiti l-ieħor tal-"principles of natural justice", almenu sas-sentenza "Strickland vs. Galea nomine", mogħtija minn din il-Qorti fid-9 ta' Jannar 1935, *konfermata* fl-Appell fit-22 ta' Ġunju 1935, li fiha ntużat għall-ewwel darba l-espressjoni "executive discretion", u ġiet ċitata deċiżjoni ingliża li fiha l-Earl of Reading, bħala Chief Justice, kien semma preċiżament dan il-limiti l-ieħor tar-"*reasonable* exercise" bil-kliem "It is, of course, always to be assumed that the Executive will act honestly, and that its powers will be reasonably exercised". Fis-sentenza issa ċitata tal-*Qrati Maltin*, "*Strickland* vs. Galea ne." ġie akkolt il-prinċipju ta' l-insindakabilità ta' att ta' l-amministrazzjoni li jimporta l-eżerċizzju tad-"discretion";

Illi mhux l-ewwel darba illi l-Qrati Ingliżi annullaw att ta' "*discretion*" tal-poter *amministrativ*, jew ta' korp minnu mwaqqaf, meta dehrilhom li l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni ma kienx "fair and honest". Hekk, per eżempju, id-Divisional Court, komposta mil-*Lord Chief Justice* u minn Mr. Justice Avory u Mr. Justice Mc Kinnon (Rex vs. Milk Marketing Board, ex parte North), annullat "order" ta' dak il-Board għaliex irriteniet illi, qabel ma l-"milk retailer" mar quddiem il-Board *biex jirrispondi għall-imputazzjoni miġjuba* kontra tiegħu, il-membri tal-Board ġà kellhom quddiemhom "statements of facts" dwar il-każ u "statement" ieħor suppost magħmul mir-"retailer", bla ma dawn ġew ikkomunikati lir-"retailer" qabel ma ngħata l-"order" kontra tiegħu, u b'hekk "he was not given a fair opportunity of correcting or contradicting them"; u fis-Solicitors' Journal, Vol. LXXVIII, tal-11 ta' Awissu 1934, *fejn ġie riportat il-każ, paġina* 558, sar il-komment :— "It is refreshing nowadays to hear of a case in which the historic limits on the ever-increasing power of the Executive are again emphasised";

Illi hu ta' min *josserva, però*, li f'sentenza mogħtija mill-Imħallef Dr. Depasquale sedenti f'din il-Qorti, fil-kawża

"Giorgio Demarco et. ne. vs. James Turner ne. et.", fit-12 ta' Ottubru 1933, anki dan ir-rekwiżit tar-"reasonable exercise" ġie ntravvedut u enunċjat bi kliem ġenerali simili għal dawk użati minn Earl Reading fuq ċitat. Infatti f'dik il-kawża l-atturi kienu sostanzjalment qegħdin jimpunjaw deċiżjoni diskrezzjonali tad-Direttur tas-Servizzi Veterinarji tal-Gvern, u ġiet preċiżament opposta l-eċċezzjoni illi dik id-deċiżjoni bħala eżerċizzju ta' "discretion" kienet insindakabili. L-Imħallef Dr. Depasquale, wara li enunċja fil-kors tad-deċiżjoni tiegħu l-massima preċedentement affermata mill-ġurisprudenza lokali, bil-kliem "è essenzialmente giuridica la quistione, e quindi definibile dall'autorità giudiziaria, diretta a stabilire se l'atto posto in essere dallo stato e dai suoi funzionari sia o no illegittimo per difetto di facoltà, di competenza o di forma, vale a dire se vi sia stata illegalità o difetto di procedura stabilita per legge o per regolamento", għadda anki għall-konsiderazzjoni illi l-liġi kienet irrimettiet il-ġudizzju dwar il-kwistoni nvoluta f'dik il-kawża lid-Direttur fuq imsemmi, "confidandosi interamente alla sua onestà, alla sua capacità ed alla sua esperienza"—kliem li jimpurtaw manifestament il-limiti l-ieħor fuq imsemmi; u l-istess Imħallef ikkonkluda illi "al giudice civile non è dato di sindacare l'apprezzamento discrezionale dell'ufficiale pubblico";

Illi għalhekk wieħed jista' jikkonkludi illi att diskrezzjonali ta' uffiċjal jew korp amministrativ jista' jiġi sindakat mill-Qorti fis-sens biss li t-tribunal jara jekk l-att hux legali ("within the terms of the statute"), jekk ġewx osservati l-proċeduri meħtieġa ("complied with regulations"), u jekk l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni kienx "fair and honest". Il-Qorti ma tistax, però, tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha, bħala opportunità jew espedjenza, għal dik ta' l-uffiċjal jew tal-korp li jkun.

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk l-eżami li għandha tagħmel din il-Qorti f'din il-kawża hu, l-ewwel, jekk fil-każ in ispeċje hemmx verament l-eżerċizzju ta' poter diskrezzjonali, u, it-tieni, f'każ affermativ, jekk dan l-eżerċizzju kienx skond il-liġi fis-sustanza, u fil-forma, u jekk kienx "fair and honest";

Illi biex wieħed jasal għall-konklużjoni fuq l-ewwel pont, hemm bżonn li tiġi eżaminata mhux biss id-dispożizzjoni rigwardanti l-każ partikulari, imma l-liġi (Ordinanza III ta' l-1943) kollha kemm hi, speċjalment in relazzjoni mal-korp (War Damage Commission) minnha mwaqqaf;

Illi hu anki opportun li jiġi notat illi meta fil-Kunsill tal-Gvern l-Onorevoli Bell, Segretarju Legali, ippropona t-tieni lettura ta' l-Ordinanza fuq imsemmija (seduta tal-10 ta' Novembru 1942), hu kien qal hekk :— "The administration of this bill, for the main part, will be vested in a War Damage Commission. That Commission will be appointed by His Excellency, and it is in my opinion one of the most important of the provisions of the Bill, because upon the good or bad work of the War Damage Commission must of necessity depend the success or failure of the whole matter........... This War Damage Commission is in the nature of a semi-official body. I should explain that I mean, by that, that they will be vested with a very considerable discretion indeed........... Their function will be, as honest and honourable men, to do their best with a very difficult task, and to assist them in that the bill confers a very wide discretion upon them. They will be subject to a certain measure of control by the Governor. The Governor is enabled by the bill to make regulations of a general nature to control the activities of the War Damage Commission. I want to be clear on that point. It would not be in order for His Excellency—and I need hardly add that His Excellency would not do so — to make any regulations, whatever which would indicate to the Commission how they are to give their decision in any particular case. That will never be done. But it is proper for His Excellency to make regulations—and His Excellency will certainly do so — of a general character, to guide the Commission in their duties; so that while the Commission is in a large measure a semi-judicial body, it is subject to that measure of control. That follows the English practice, where the control of the English War Damage Commission is exercised by His Majesty's Treasury;

Ikkunsidrat;

Illi ma jistax jiġi dubitat illi l-Commission għandha l

karattru li semma l-Onorevoli Bell bil-kelma "semi-judicial"; forsi aktar korrettament seta' qal "quasi-judicial"; u li lilha ġew mogħtijin "discretionary powers". Infatti kull membru tal-Kummissjoni għandu jieħu l-ġurament tal-karika skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; wieħed mill-membri għandu jkun legali ta' mhux inqas minn għaxar snin eżerċizzju tal-professjoni; għall-membri huma applikabili d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi fuq imsemmi dwar rikużi u astensjonijiet; iċ-Chairman jew l-Aġent Chairman għandhom id-dritt li jiddefereixxu l-ġurament; f'ċerti każijiet (ara art. 22 (6) ta' l-Ordinanza) il-Kummissjoni tista' tagħti ordnijiet dwar l-ispejjeż, eżegwibili daqs kieku magħmulin minn din il-Qorti, eċċ. Kwantu għas-setgħat diskrezzjonali, apparti l-menzjoni espressa fl-artikolu numru 5, l-Ordinanza hija mimlija espressjonijiet li jfissru preċiżament din id-diskrezzjoni, bħal, per eżempju, artikolu 26 ("where the Commission are satisfied"), artikolu 29 ("appearing to the Commission") ("unless the Commission in their discretion"), artikolu 30 ("to the satisfaction of the Commission"), artikolu 46 ("if they are satisfied"), artikolu 52 ("if they think fit"), artikolu 65 (("where the Commission are satisfied"), etc., etc.;

Ikkunsidrat;

Illi hu paċifiku bejn il-kontendenti illi peress li l-ħsara, fil-każ in ispeċje, saret qabel ma daħlet in vigore l-Ordinanza no. III ta' l-1943, u qabel li "schemes" ta' sigurtà mħaddma taħt il-liġi, għalhekk il-każ jaqa' taħt id-dispost ta' l-art. 53 ta' l-Ordinanza fl-ewwel subartikolu tiegħu. Għalhekk għandu jiġi eżaminat jekk għal dawn il-ħlasijiet hijiex mogħtija "discretion" lill-Commission;

Illi l-artikolu jgħid hekk :— "The Commission, acting in accordance with regulations made by the Governor, may authorise payments.......... " Il-kliem materjali għall-każ huma dawk "may authorise payments". Dawn il-kliem, huwa ċar, jimpurtaw fihom infishom diskrezzjoni. Il-kelma "may" hija ta' l-akbar importanza, u spiss okkupat l-attenzjoni ta' l-Imħallfin Ingliżi u tal-Qrati Kolonjali. "May", intqal fil-kawża Sheffield Corporation vs. Luxford, 1929, 2 K.B. 180, D.C. per Talbot J., pp. 183, 184, "is a permissive or enabling expression". The ordinary rule for the construction of statutes",

qal *Chief Justice* Cullen, tal-Qorti ta' New South Waes, "containing the word 'may' or the word 'shall', I think is very well expressed in Halsbury, Vol. 27, page 170.......... The use of the word 'may' prima facie conveys that the authority which has power to do such an act has an option either to do it or not to do it" (Massy vs. Council of the Municipality of Yass, 1922—22 N.S.W. 494 per Cullen C.J., pp. 497-499);

Illi s'intendi li din id-"discretion" hija "a judicial discretion"; u għalhekk min hu mogħti dik id-"discretion" ma għandux jirrifjuta l-eżerċizzju favorevoli tagħha, jekk min jitlobha "makes out a case" għall-eżerċizzju tagħha. Imma jibqa' dejjem it-titolari tad-"discretion" li għandu jeżamina, skond il-ġudizzju prudenti tiegħu, jekk jikkonkorrux iċ-ċirkustanzi biex hu jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali li hu għandu bil-liġi;

Illi hu ċar li ġaladarba l-Commission għandha s-setgħa diskrezzjonali li tagħti jew ma tagħtix ħlas, allura bl-argument "a multo ad minus", il-Commission għandha neċessarjament is-setgħa li tiffissa hija l-ammont tal-ħlas; dejjem, fil-każ wieħed u l-ieħor, "acting reasonably and fairly";

Illi hemm konsiderazzjoni oħra. Fl-artikolu 5 ta' l-Ordinanza jingħad f'mod ġenerali, u fl-artikolu 53 jingħad f'mod partikulari, illi l-Commission f'każ simili għandha timxi "in accordance with regulations made by the Governor". Issa, dawn ir-regulations saru bil-Government Notice no. 12 tat-8 ta' Jannar 1944, u fit-tieni regolament jerġa' jingħad "subject to and in accordance with the provisions of these Regulations, the Commission may make payments to a person in respect of war damage etc., etc." Fit-tieni u t-tielet paragrafi ta' dan it-tieni regolament hemm dettati regoli li għandha ssegwi l-Kummissjoni kwantu għall-ammont tal-ħlas, imma fis-sens biss li dan il-ħlas ma għandux ikun qatt aktar mittelf kaġunat bil-ħsara, jew aktar mis-somma li kienet tkun pagabili fuq "policy" taħt il-"business scheme"; il-Commission ma hija bl-ebda mod marbuta li tagħti ċertu minimum; purkè ma jiġix eċċedut dak il-limiti fuq imsemmi, huwa rimess għall-prudenza tagħha kemm tagħti, kif ikun rimess għall-prudenza tagħha jekk tagħtix jew le;

Ikkunsidrat;

Illi argument ieħor qawwi favur it-teżi ta' l-insindakabilità huwa dak illi ebda rikors lill-Qrati ma jissemma f'każ bħal dan preżenti. Fejn il-liġi riedet li l-"claimant" jista' jirrikorri lill-Qrati kontra d-deċiżjoni tal-Commission qalitu espressament, kif għamlet fl-artikoli 22(3), 24(6), 28(4), 39(5), u 40(5). Sa anki meta riedet appell lil Board ieħor (Board of Special Commissioners for Land Valuation) qalitu fl-art. 24(2). Hu għalhekk il-każ ta' l-aforisma "ubi voluit dixit". Hu l-każ ukoll li wieħed jgħid, kif qal il-Lord Chief Justice f'każ "In Re A Solicitor" (reported fit-Times tal-25 ta' Lulju 1934 u ċitat fis-Solicitors' Journal no. LXXVIII tat-28 ta' Lulju 1934), illi "If it had been intended that there should be an appeal to the High Court, not merely against an order, but also against any findings of the Committee, nothing would have been easier that to say so", kif inhu l-każ ta' din l-Ordinanza li fiha, ripetutament, fejn riedet rikors lit-tribunali, il-liġi qalitu "expressis verbis";

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi ma jippretendux li l-Commission fid-deċiżjoni impunjata vvjolat il-liġi fis-sustanza jew fil-forma, u dana lanqas ma jirriżulta bl-ebda mod. Għalhekk l-aġir tal-Commission ma hux sindakabili in kwantu għal daqshekk;

Illi l-atturi isostnu li l-ammont likwidat ma hux adegwat. Skond il-prinċipji fuq enunċjati l-Qorti tista' biss tara jekk il-Commission imxiet "fairly and honestly"; jekk dana r-rekwiżit ġie osservat, allura s-sindakat tal-Qorti hu eżawrit, għaliex, kif ingħad, id-diskrezzjoni tal-Commission relativament għall-"quantum" ma tistax tiġi sostitwita bl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Qorti. Il-liġi tat dik id-diskrezzjoni lill-Commission, mhux lill-Qorti, u l-Qorti għandha tapplika l-liġi kif issibha;

Ikkunsidrat;

Illi fil-kawża Kruse vs. Johnson 1898, 2 Q.B. 91 iċ-Chief Justice Lord Russell of Killowen (Keir & Lawson, Cases in Constitutional Law, paġ. 25), eżamina, fost kwistjonijiet oħra, x'inhuma "in subjecta materia" t-"tests" ta' l-"unreasonableness" fl-eżerċizzju ta' poteri simili, u fost oħrajn enunċja dawn :— "If they are manifestly unjust"; "if they disclosed

bad faith''; "if they could find no justification in the *minds of reasonable men*". Għandhom, *kif* ingħad, jigu osservati "*the principles of natural justice*". Dawn jimplikaw fost affarijiet oħra n-nuqqas ta' "bias". (Wade and Phillips. Second Edition, page 322) u anki "that *no* party ought to have his case *decided without* being afforded an opportunity of........ stating his own case";

Illi ma jistax jingħad illi d-deċiżjoni tal-War Damage *Commission* f'dan il-każ hija affetta minn xi wieħed minn dawn il-vizji. Mid-dokumenti fol. 30 sa 47, li l-eżattezza tagħhom giet debitament konfermata *bid-dikjarazzjoni* gurata tal-konvenut *nomine* fol. 60, jidher illi kollox sar 'fairly and reasonably''. Infatti, meta l-atturi oġġezzjonaw kontra l-"assessment" magħmul mill-Commission, huma ġew mogħtija l-opportunità *li jidhru* quddiem l-istess *Commission* sabiex jelaboraw ir-raġunijiet ta' l-oġġezzjoni tagħhom, u saret diskussjoni eżawrjenti u partikolareġġjata, kif jidher mill-minuti *tas-seduta numru* 359 u dik numru 383. Peress li l-"*claims*" kienu jimpurtaw aspett tekniku, il-Commission fil-proċeduri tagħha ħadet il-parir ta' esperti *mqabbdin* minnha u kkonsul*tathom tant qabel* kemm wara li sar l-"*assessment*", sabiex, f'dan il-każ ta' l-aħħar, terġa' tieħu l-opinjoni tagħhom dwar il-punti sollevati mill-"claimants" b'impunjazzjoni ta' l-"*assessment*". Dawn l-esperti ħadu *konjizzjoni* ta' dawn il-punti u, fejn dehrilhom ġust, irrivedew l-istima minnhom magħmula qabel. L-istess "experts" *ġew* eżawrjentement eskussi mill-*Commission*, kif jidher aħjar mill-minuti tas-seduta numru 358. Billi fil-"claim" kienu inklużi "unfit lighters to be broken up for firewood", għalhekk il-Commission ikkomunikat *ma'* l-Uffiċjal li kien kontrollur tal-"firewood", biex iġġib minn għandu dettalji dwar il-prezz li dak l-uffiċjal kien iħallas lid-Dipartiment tad-"*Demolition* and Clearance' u l-prezz li kienu jħallsu lilu l-furnara (ara fol. 37). Kien biss wara dan l-eżami bir-reqqa illi l-Commission eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha, li għalhekk ma tistax ċertament tingħad "legi, fidei, rationi non consona";

Ikkunsidrat;

Illi konsegwentement, ġaladarba l-għemil tal-Commission ma kienx kontra l-ligi fis-sustanza u lanqas fil-*forma*, u ġala-

darba ma kienx hemm ebda vjolazzjoni tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali fis-sens fuq spjegat, il-Qrati ma jistgħux jispingu aktar 'l hemm is-sindakat tagħhom, li għandu jieqaf hawn, konformement għall-prinċipji fuq spjegati;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-preġudizzjali fis-sens li tiddikjara insindakabili d-deċiżjoni "de qua" aktar 'il hemm mil-limiti fuq spjegati, f'liema limiti l-Qorti ma sabet xejn ċensurabili; u għalgħaldaqstant tirrespinġi l-istanza għall-likwidazzjoni mill-ġdid mill-Qorti tas-somma tal-"claims";

L-ispejjeż, stante l-indoli tal-kwistjoni, jibqgħu mingħajr taxxa; dritt tar-reġistru però a kariku ta' l-attur nomine.